

**Brussell, 13 ta' Marzu 2022
(OR. en)**

7099/22

**AGRI 85
AGRIORG 26
AGRIFIN 25**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Dokument informali tal-Kummissjoni dwar miżuri li qed jiġu kkunsidrati biex jindirizzaw is-sitwazzjoni tas-suq u l-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà tal-ikel wara l-invażjoni tal-Ukrajna

L-Anness għad-dokument fih dokument informali tal-Kummissjoni dwar miżuri li qed jiġu kkunsidrati biex jindirizzaw is-sitwazzjoni tas-suq u l-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà tal-ikel wara l-invażjoni tal-Ukrajna.

Dokument informali: Miżuri li qed jiġu kkunsidrati biex jindirizzaw is-sitwazzjoni tas-suq u l-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà tal-ikel wara l-invażjoni tal-Ukrajna

L-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja għandha konsegwenzi serji għall-provvista tal-ikel fl-Ewropa u fid-dinja u ser tkompli taggrava sitwazzjoni diġà diffiċli għall-bdiewa Ewropej, minħabba prezzijiet ogħla tal-fatturi produttivi.

Il-Kummissjoni ser tippovdi r-rispons dettaljat tagħha għas-sitwazzjoni fil-**Komunikazzjoni dwar is-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel** li ser tiġi ppreżentata fil-ġimgħat li ġejjin.

Fost l-istrateġiji differenti studjati biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni kritika:

- Il-Kummissjoni qed tikkunsidra żewġ miżuri ta' appoġġ għas-suq:
 - Miżura skont l-**Artikolu 219 tar-Regolament OKS**.
 - **Miżura skont l-Artikolu 17 tar-Regolament OKS** biex tiġi introdotta għajnuna għall-ħżin privat għas-settur tal-laħam tal-majjal.
- Il-Kummissjoni qed tirrifletti dwar l-estensjoni tar-rekwiżit li l-Istati Membri jikkomunikaw kull xahar data dwar il-ħażniet privati ta' prodotti primarji essenzjali għall-ikel u l-ġhalf.
- Il-Kummissjoni qed **tikkunsidra li tippermetti li art f'żoni ta' interess ekoloġiku titħalla mistrieħa biex tintuża għar-ragħa jew għall-produzzjoni ta' għelejjel li fihom il-proteini f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew**.
- Il-Kummissjoni hija lesta li **tippermetti livelli ogħla ta' avvanz**i ta' pagamenti diretti u miżuri ta' żvilupp rurali relatati mal-erja u mal-annimali li jibdeu **jitħallsu lill-bdiewa** mis-16 ta' Ottubru 2022.

- Biex tgħin lill-Istati Membri jiffaċċjaw it-taqlib serju fl-ekonomija li jirriżulta mill-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kummissjoni qed tikkonsulta lill-Istati Membri dwar il-ħtieġa ta' **Qafas Temporanju ta' Kriżi** ġdid u awtonomu u dwar l-ambitu tiegħu. Il-konsultazzjoni tqajjem ukoll il-kwistjoni tal-ġhajnuna mill-istat għas-settur agrikolu.

Minħabba l-kriżi, feġġew firxa wiesgħa ta' problemi li kellhom impatt fuq il-kummerċ intern u estern tal-UE fi prodotti agroalimentari u d-disponibbiltà ta' fatturi produttivi essenzjali. Il-Kummissjoni għadha qed taħdem kuljum mal-partijiet ikkonċernati u mal-Istati Membri biex jinstabu soluzzjonijiet għal dawn il-problemi, speċjalment biex jinstabu l-flessibbiltajiet u l-kjarifiki meħtieġa.
